**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

ŻEJTUN *Citta` Beland*
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 15/19**
**Data:** It-Tnejn, 2 ta' Diċembru 2019
**Ħin:** 5:40pm
**Post:** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

**Preżenti**
Maria Dolores Abela - Sindku
Joan Agius - Viċi-Sindku (Mis-6:05pm)
Amanda Abela - Kunsilliera (Mis-7:10pm)
Dorcas Camilleri - Kunsilliera
Gesmond Baldacchino - Kunsillier
Raymond Caruana - Kunsillier
Roderick Caruana - Kunsillier
Sean Chircop - Kunsillier
Stephanie Fenech - Kunsilliera
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA**

**15.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**
**15.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**
**15.03 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**
**15.04 Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**
**15.05 *Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**
**15.06 Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**
**15.07 Żejt iż-Żejtun**
**15.08 Tenders**
**15.09 *Manuċċa Childcare Centre***
**15.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**
**15.11 Mozzjonijiet; u**
**15.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**15. 1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 15. 1. 1 | | | Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija. | |

**15. 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Camilleri<br>Sekondant: Baldacchino | Il-Minuti 14/19 inqraw u ġew approvati nem.conmingħajr korrezzjonijiet. | |
| 15. 2. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**15. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 15. 2 1 | 14.02.01 | Fenech / Baldacchino: Problema bil-ħmieġ tal-ħamiem | Nhar il-Ħamis, 5 ta' Diċembru ser issir laqgħa mal-Federazzjoni tal-ħamiem fejn ser jiġi diskuss kif tista' tiġi melgħuba il-problema tal-ħamiem. | Baldacchino / Fenech |
| 15. 2 2 | 14.04.02 | Chircop: *European Destination of Excellence (EDEN) Award* | Chircop qal li bħala Kunsill ġejna mogħtija dan l-unur pretiġjuż mill-Unjoni Ewropea. Saħaq li dan il-logo għandu jintuża minn kull għaqda fiż-Żejtun matul is-sena d-dieħla, kif ukoll matul is-snin ta' wara wkoll. Is-Sindku żiedet li għandna nikkomemoraw dan billi jsiru mementos jew simili għall-għaqdiet. | Chircop |
| 15. 2 3 | 14.05.03 | Fenech: Pitch tal-Football | Fenech qalet li bħalissa x-xogħol jinsab wieqaf peress li jrid jinġieb ir-ramel. | Fenech |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 15. | 2 | 4 | | Fenech: Vaċċin tal-influwenza | Fenech qalet li l-vaċċin ingħata pero kellu jinbidel il-post mill-Berġa għall-Kunsill peress li s-Saint James Hospital offra li jagħti s-servizz ta' *nurses* bla ħlas. Ġew mogħtija wkoll lil dawk li ma jistgħux joħorġu mid-djar tagħhom. | Fenech |
| 15. | 2 | 5 | 14.06.03 | Fenech: Laqgħa ta' informazzjoni dwar saħħa | Fenech qalet li dawn il-laqgħat ġew fi tmiemhom u kienu suċċess. Ser jibdew sesniela ta' laqgħat oħra, darba kull xahar bl-ewwel waħda tkun dwar id-Dijabete. | Fenech |
| 15. | 2 | 6 | 14.06.15 | Fenech: Mixja tal-President | Fenech qalet li l-MCCF ħassret din l-attivita' minħabba l-maltemp. Ġew jinkitbu l-Kunsill 127 applikant li l-flus ser imorru kollha għall-MCCF. S'issa għada ma tħabbritx data oħra meta ser issir. | Fenech |
| 15. | 2 | 7 | 14.05.01 | Baldacchino: Vandalizmu fi Ġnien iż-Żgħożija | Baldacchino qal li nġibdu r-ritratti tal-vandaliżmu li sar f'dan il-ġnien u ser inkellmu lill-M-Quip biex naraw l-ispiża u jinbidel dak li ġie mkisser. | Baldacchino |
| 15. | 2 | 8 | 14.02.02 | Caruana Ray: Tappieri fi Triq Alfred Cachia Zammit | Caruana qal li bħalissa qed jiġu rranġati t-tappieri f'din it-triq peress li qed iħabbtu. Staqsa dwar fiex wasalna minħabba l-pelican lights. Is-Sindku qalet li qed ninsistu biex dan id-dawl isir kollu pelican lights. | Caruana |
| 15. | 2 | 9 | 14.02.16 | Caruana Ray: Parkeġġi fi Sqaq il-Vitorja | Caruana staqsa dwar meta ser isiru. Is-Sindku talbitu sabiex jitkellem mal-ħaddiem tal-Kunsill u jikkordina x-xogħol. | Caruana |
| 15. | 2 | 10 | 14.05.02 | Caruana Ray: Parkeġġ fi Triq il-Qadi | Caruana staqsa jekk kellniex risposta dwar jekk il-parkeġġ jista' jiġi fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Ser terġa issir it-talba peress li dan ma kienx ġie approvat minn TM. | Caruana |
| 15. | 2 | 11 | 14.02.04 | Chircop: Proġett f'Misraħ Karlu Diacono | Chircop qal li flimkien mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-perit Jakobson dwar x'hemm bżonn isir sabiex jinbeda dan il-proġett. L-ewwel ser isir *survey* tal-akkwati, imbagħad napplikaw għall-permessi ta' TM. | Chircop / Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| 15. | 2 | 12 | 14.02.13 | Chircop: Kompetizzjoni tat-tiżjin tal-Milied | Chircop qal li fetħu l-applikazzjonijiet tal-kompetizzjoni tal-Milied. | Chircop |
| 15. | 2 | 13 | 14.06.04 | Chircop: Kompetizzjoni tal-Milied | Chircop qal li l-applikazzjonijiet huma miftuħa sat-12 ta' Diċembru. | Chircop |
| 15. | 2 | 14 | | Caruana Roderick: Attivita' dwar l-agrikoltura | Caruana qal li saret l-attivita' il-Ħamis, 28 ta' Novembru fil-bini tal-Kunsill fejn ġew diskussi it-tisqija tas-siġar kif ukoll il-pestiċida li tintuża. | Caruana Roderick |
| 15. | 2 | 15 | | Caruana Roderick: Ġwiebi | Caruana qal li għandu jiltaqa' mas-Sur Hales sabiex jgħaddielu l-informazzjoni dwar il-ġwiebi li jaqgħu taħt ir-responsabilta' tal-kunsill. | Caruana Roderick |
| 15. | 2 | 16 | 14.02.18 | Camilleri: Tan-Nanna Ħelu Manna | Camilleri qalet li ser torganizza trasport għall-din l-attivita' li ser jitlaq fis-7.00pm. | Camilleri |
| 15. | 2 | 17 | 14.06.01 | Camilleri: Sezzjoni minn *Nature Trust* | Camilleri qalet li saret sezzjoni fl-iskola għall-istudenti tar-raba', ħames u s-sitt sena dwar il-ħsara tal-plastik u kif dan jista' jitnaqqas l-użu tiegħu. | Camilleri |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 15. | 2 | 18 | 14.06.02 | Camilleri: Bibita għall-Persuni b'Diżabilita' | Camilleri qalet li din ser isir it-Tlieta, 3 ta' Diċembru fl-Oratorju. | Camilleri |
| 15. | 2 | 19 | 14.02.08 | Viċi-Sindku: Tan-Nanna Ħelu Manna | Il-Viċi-Sindku qalet li ser ikunu qed jieħdu sehem bħala Kids Club. | Viċi-Sindku |
| 15. | 2 | 20 | 14.06.12 | Viċi-Sindku :Żjara f'Għawdex | Il-Viċi-Sindku qalet li l-attivita' ser issir il-Ħadd, 5 ta' Jannar 2020 u fost oħrajn ser iżuru l-presepju f'Għajnsielem. | Viċi-Sindku |
| 15. | 2 | 21 | 14.10.01 | Viċi-Sindku: Ġardinara mal-Kunsill | Il-Viċi-Sindku staqsiet fiex wasal il-proċess. Is-Sindku wieġbet li għad m'għandniex risposta. | Sindku |
| 15. | 2 | 22 | | Sindku: Inawgurazzjoni ta' toroq | Is-Sindku qalet li fil-25 ta' Novembru ġew inawgurati żewġ toroq, Triq Gwiedi u Triq Ħabel ix-Xgħir, żewġ proġetti li saru bil-fondi tal-Kunsill. Fost oħrajn kien hemm preżnti l-Onorevoli Ministru Owen Bonnici. | Sindku |
| 15. | 2 | 23 | | Sindku: Bibita tal-Milied | Is-Sindku qalet li d-data tal-Erbgħa, 18 ta' Diċembru hija kkonfermata sabiex issir il-bibita annwali tal-Milied. | Sindku |

**15 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML12/19. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 15 | 3 | 1 | 18 | Sindku | Is-Sindku qalet li s-segretarju tal-Għaqda Mużikali Beland talab li f'għeluq il-25 sena mill-kariga tiegħu titħawwel siġra. Dan sar u tħawwlet fi Ġnien l-Għannejja Żwieten. | Sindku |
| 15 | 0 | 2 | | Sindku: Attivita' għall-Istrina | L-Għaqdiet mużikali taż-Żejtun, l-Għaqda Mużikali Beland u l-Għaqda Banda Żejtun ser ikunu qed jorganizzaw l-attivita' annwali. Il-Kunsill ser ikun qed jgħin u jiġbor il-fondi permezz tal-Bake Sale. Il-qliegħ kollu ser jiġi ppreżentat lill-MCCF. | Sindku / Fenech |
| 15 | 0 | 3 | | Sindku | Is-Sindku qalet li waqt is-serata tal-GreenPak Local Council Awards li saret fl-10 ta' Ottubru, il-Kunsill Lokali taż-Żejtun kien ir-rebbiegħ tal-premju *Most Proactive Council Award 2019* . Barra min hekk ġejna nominati għal *Most Innovative Locality* u *Outstand Locality Awards.* Ma' dawn il-premijiet hemm abbonati vouchers ta' €1000 u €500 tan-nominazzjoni. | Sindku |

**15. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 15. | 4 | 1 | | | Ma ġie diskuss xejn dwar din il-materja. | |

**15. 5. Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 15. | 5 | 1 | | | Ma ġie diskuss xejn dwar din il-materja. | |

**15. 6. Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 15. | 6. | 1 | | Viċi-Sindku: Party Kids Club | Il-Viċi-Sindku qalet li l-festin ser isir fl-4 ta' Jannar. | Viċi-Sindku |
| 15. | 6. | 2 | | Camilleri: Korsijiet minn TCTC | Camilleri qalet li l-applikazzjonijiet għall-korsijiet tal-E-Construct organizzati minn TCTC issa huma miftuħa mill-Kunsill. Ser jitħalla depożitu ta' €25 li dan jingħata lura kif jitlesta l-kors. | Camilleri |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 15. | 6. | 3 | | Chircop: Trofew Bandist tas-Sena | Chircop qal li għal -sena oħra ser jingħata t-trofew Bandist tas-Sena, waqt il-Kunċert tal-Milied li ser isir fit-30 ta' Diċembru. Huwa għamilha ċara li l-għan prinċipali huwa li jiġi premjat l-aqwa bandist/a matul l-aħħar sena. | Chircop |
| 15. | 6. | 4 | | Fenech: Bake Sale | Fenech qalet li din l-attivita' fejn il-fondi tagħha ser imorru għall-Istrina, ser issir il-Ħadd, 22 ta' Diċembru. | Fenech |

**15. 7.** ***Żejt iż-Żejtun***

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 15 | 7 | 1 | | Sindku: Żejt iż-Żejtun | Wara li l-Kunsill irċieva żewġ ittri bi kritika kostruttiva dwar din il-festa, bdiet diskussjoni dwar fejn nistgħu nirranġaw. Ġew identifikati *stalls* li biegħu *hand bags* fejn kien hemm qbil li dawn m'għandhomx jarmaw sabiex tinżamm x-xeħta tradizzjonali tal-festa. Issemmew ukoll stalls b'fast food. Il-viċi-Sindku talbet li meta jiġu nnotati dawn l-affarijiet, ghandna nitkellmu mill-ewwel sabiex tittieħed azzjoni u jinżamm id-depożitu kif ukoll il-permess. hemm bżonn li jsiru iktar tabelli li jindikaw iż-żona ta' San Girgor. Ġie suġerit ukoll li l-Ħadd jiċċaqlaq il-ħin li tibda l-attivita' għall-wara nofsinhar u tiżdied l-attivita', jinfetħu l-knejjes u wirjiet fost affarijiet oħra. Din id-diskussjoni ser tkompli f'seduta oħra. | Sindku / Viċi-Sindku |

**15. 8.** **Tenders**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 15. | 8. | 1 | | Segretarju Eżekuttiv: Tenders | Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill li wara ntefgħhu t-tenders għat-Tiżjien tal-Milied ser tintagħżel l-irħas offerta kif titlob il-liġi. | Segretarju Eżekuttiv |

**15. 9.** **Manuċċa Childcare Centre**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 15. | 9. | 1 | | | Il-membri tal-bord eżistenti ġew mitluba sabiex iġeddu għal tlett xhur oħra. S'issa aċċettaw Fr Edgar u Ruth Schembri. Ġew imressqa ħames ismijiet sabiex jinħatar il-bord il-ġdid. Dawn huma Fr Edgar, Joanna Schembri, Katia Zammit, Claude Camilleri u Maria Mangion. Wara votazzjoni ġew magħżula Fr Edgar bi tmin voti, Katia Zammit b' sitt voti u Joanna Schembri b'sitt voti. | |

**15. 11.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 15. | 11. | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 11/19 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 15. | 11. | 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 15/19 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 15. | 11. | 3 | | *Petty Cash* - Novembru 2019 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta'Settembru hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €231.26 | Segretarju Eżekuttiv |

| 15 | 12 | | Mozzjonijiet; u | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 15. | 12 | 1 | | Ma kinx hemm l-ebda mozzjoni imressqa waqt din is-seduta | |

| 15 | 13 | | Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fis-7:30pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 13 ta' Jannar 2020 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

IFFIRMATA

Maria Dolores Abela

Sindku

IFFIRMATA

Anton Falzon

Segretarju Eżekuttiv